



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' Novembru 2013 (03.12)
(OR. en)**

16680/13

LIMITE

FISC 230

NOTA PUNT "I/A"

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2013, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ddiskuta l-abbozz tar-rapport mill-Grupp lill-Kunsill.
2. Bħas-soltu, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jidhru hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi matul il-Presidenza Litwana kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 16656/13 FISC 226);
- jitlob lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-waqfien u l-implimentazzjoni tal-iżmuntar kif ukoll il-ħidma tiegħu fil-Pakkett ta' Ħidma tal-2011;
- jistieden lill-Kummissjoni tkompli u tikkonkludi d-djalogu mal-Isvizzera sat-30 ta' Ġunju 2014, kif hemm fir-rapport;

- jistieden lill-Grupp jissokta l-konsiderazzjoni tiegħu tal-abbozz ta' gwida dwar nuqqas ta' qbil bejn entitajiet ibridi u stabbilimenti permanenti ibridi;
- jistieden lill-Grupp janalizza t-tielet kriterju tal-Kodiċi tal-Kondotta kif jinsab fil-mandat eżistenti sa tmiem Ġunju 2014;
- jistieden lill-Grupp jivvaluta jew jikkunsidra l-kaxxi kollha tal-privattivi fl-UE, inklużi dawk diġà vvalutati jew ikkunsidrati qabel, sa tmiem l-2014, biex b'hekk tiġi żgurata l-konsistenza mal-prinċipju ta' trattament ugwali, ukoll fl-isfond ta' żviluppi internazzjonali, fosthom dawk b'rabta mal-inizjattiva BEPS tal-OECD;
- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Griega jirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu."

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jibgħat:

- ir-rapport (dok. 16656/13 FISC 226) flimkien ma'
- l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jidhru hawn fuq

lill-Kunsill u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprovahom it-tnejn bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu.
